**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 9

**Maria Montebello**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Ingliż**

# *Stimulazzjoni tal-ħila kreattiva' fil-kitba bl-użu tal-ħrejjef mat-tfal b'differenzi individwali fil-proċess tat-tagħlim: Rispett għad-Diversita' fil-Kitba*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Kull skola hi mogħnija b'repertorju vast ta' ħiliet, esperjenzi u bżonnijiet. Din id-diversita', mlaqqgħa mad-differenzi individwali u soċjali li jsawru lill-istudenti titlob pedagoġija fil-kitba li tirrispetta u tiċċelebra l-kalejdoskopju ta' realtijiet u stejjer personali li jiddefinixxu kull klassi f'kull skola f'Malta. Flimkien se ngħaddu mill-proċess tal-kitba f'nisġa kreattiva. Dan jipprovdi spazju biżżejjed lilna l-edukaturi biex nindirizzaw ir-realtijiet edukattivi ta' l-istudenti tagħna. Ħa nippruvaw kif permezz ta' din l-awtonomija relattiva, l-edukaturi jkunu jistgħu jżewġu l-garanzija ta' l-iżvilupp tal-lingwa miktuba ma' rimedji speċjalizzati mnebbħa mill-bżonnijiet partikulari ta' l-istudenti.

## Nota Bijografika

Maria Montebello hi għalliema tal-primarja fi skola statali. Hija ħadmet mat-tfal t'eta' bikrija għal dawn l-aħħar disa' snin. Il-mudell li jħeġġeġ id-diversita' fl-ideat u l-kitba huwa t'interess partikulari għal din l-għalliema. Marija rċeviet taħriġ intermedjarju u avvanzat fil-proċess tal-kitba mal-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi. Uriet interess u impenn f'taħriġ fit-tagħlim differenzjat imniedi mit-tim tal- "*Let Me Learn*" ta' l-Universita' ta' Malta. Bħala għalliema Marija qasmet l-esperjenzi tagħha fit-tieni Konvenzjoni tal-Kitba għall-għalliema li saret f'Ġunju 2004 u pparteċipat b' 'workshop' fl-ewwel taħriġ ta' l-għalliema fil-proċess tal-kitba mniedi mill-Maltin stess. Hija attiva fi Klabb Kittieba Żgħar u tellgħet *workshop* għall-familji fil-'Family Writing Weekend' li sar f'Mejju li għadda. Dan is-Sajf, Marija ppreżentat *paper* fuq it-tagħlim differenzjat f'Konferenza Internazzjonali fuq il-proċess tal- *"Let Me Learn"* f'Citta' della Pieve fl-Italja.